MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 969/2011

**Aboulezz Ghassan**

**ID149810M**

**Vs**

**Attard Gerald**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezntat fil-11 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab illi l-intimat inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xoghol gewwa l-fond Mangonu, Bay Street San Giljan u dan versu l-prezz ta' hamest elef u seba' mitt Ewro (€5,700);

Illi l-intimat hallas parti mis-somma miftehma u dan fl-ammont ta' erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400) izda ghalkemm ir-rikorrent ghamel ix-xoghlijiet rikjesti mill-initmat skond sengha u l-arti mehtiega f'Awwissu u Settembru tas-sena 2011 u minkejja diversi interpellazzjonijiet tar-rikorrenti sabiex ihallas l-intimat lir-rikorrenti

somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) inkluzi bil-hrug ta' ittri legali, l-intimat baqa' inadempjanti;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suepost r-rikorrenti umilment jitlob lil dan Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna l-intimat ihallas lir-rikorrenti r-rumenenti somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) ghal xogholijiet u servizzi rezi mir-rikorrenti kif ukoll ihallas is-somma addizzjonali ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) mal-ammont dovut .

Bl-imghax legali sad-datatal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut waqt li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fis-1 ta' Frar, 2012 fejn eccepixxa t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-ammont mitlub minnu mhux dovut u l-eccepjent ma ghandu jaghtih xejn.

L-eccepjent hallas lill-attur l-ammont kollu miftiehem mieghu, anzi sahansitra hallas zejjed kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Inoltre l-attur naqas li jaghmel ix-xoghol kollu miftiehem mieghu, u parti minnu ma ghamlux skond l-arti u s-sengha. L-esponent anke hallas hu s-sealer u z-zebgha u zebagh hu wkoll.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Beda bix-xhieda tieghu l-konvenut peress illi giet ordnata l-inverzjoni tal-provi.Il-konvenut xehed li huwa hallas l-ammont dovut kollu anzi kien hallas mit ewro zejda kif ukoll xtara xi materjal hu ukoll.

Xehed ukoll xhud Mohammed Aburab li qal illi kien jaf kemm lil attur kif ukoll lil konvenut. Kien kellimhom kemm qabel kif ukoll wara x-xoghol.

Xehed l-attur li qal illi minkejja li kien thallas l-ammont ta' erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400) kien fadallu jithallas l-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) li maghhom qed jitlob ukoll il-Vat fl-amont ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026). Pero' ghat-talba ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) l-attur talab li tizdied fil-21 ta'

Settembru, 2013. Minkejja li ghamel din it-talba u t-Tribunal ordna li tinhareg notifika, din in-notifika ma nhargitx u harget notifika biss fit-2 ta' Jannar, 2014.

Il-konvenut ghalhekk talab li jressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. ghalhekk fis-6 ta' Frar, 2014 giet ipprezentata risposta ulterjuri fejn il-konvenut eccepixxa preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

It-Tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur fir-rigward tat-talba addizzjonali tieghu ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) naqas illi jinnotifika lill-konvenut fiz-zmien mghoti bil-ligi u meta ghamel in-notifika kienet skatat il-preskrizzjoni dwardan l-ammont. Il-konvenut fl-ebda stadju ma ammetta jew tacitament accetta li kellu jghati xi flus lill-attur u ghalhekk il-preskrizzjoni ma tistax titqies bhala interotta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba addizzjonali ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) b'dan pero t-talba originali tal-attur ghal elf u tlett mitt ewro (€1,300) ma gietx preskritta peress illi b'din il-konvenut ma giex notifikat fiz-zmien u hija amont iehor ta' flus.

Ghalhekk it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tat-talba originali ta' elf u tlett mitt ewro (€1,30) filwaqt illi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba addizzjonali.

Spejjez a karigu tal-attur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------